MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 744/1989/1

**Anthony Sciberras u Joseph Muscat**

**Vs**

**Anthony Montebello f'ismu proprju, u bhala direttur f'isem u in rapprezentanza ta' A. Montebello Limited**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-atturi premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-atturi gew inkarigati mill-konvenuti jew min minnhom illi jaghmlu forrrituri ta' materjal u xoghol ta' tikhil u kisi lill-konvenuti jew min minnhom u dan b'dawk il-prezzijiet u taht dawk il-kondizzjonijiet li jirrizultaw mill-iskrittura annessa mac-citazzjoni Dok. A;

Premess illi dawn il-fornituri ta' materjal u xoghol ta' tikhil u kisi saru, u l-valur taghhom u ghalhekk l-ammont dovut mill-konvenuti jew min minnhom lill-atturi, hu ta' erbat elef lira Maltija (Lm4,000) jew somma ohra verjuri;

Premess illi l-konvenuti jew min minnhom gew inutilment interpellati jhallsu;

Talbu ghalhekk l-atturi lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenuti solidalment jew min minnhom ihallsu jew ihallas lill-atturi *in solidum* is-somma ta' erbat elef lira Maltin (Lm4,000) jew tali somma ohra verjuri li tigi likwidata minn din il-Qorti okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, bhala dovuta *in solidum* lill-atturi ghal fornitura ta' materjal u xoghol ta' tikhil u kisi maghmul lill- konvenuti fuq inkarigu taghhom jew ta' min minnhom.

Bl-imghax min-notifika ta' l-ittra ufficjali ta' l-1 ta' Dicembru 1988 u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri bonarji tat-23 ta' Settembru 1988, tal-21 t'Ottubru 1988, tal-21 ta' Novembru 1988 u ta' l-ittra ufficjali ta' l-1 ta' Dicembru 1988;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess atturi u l-lista tax-xhieda minnhom indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut *proprio et nomine* illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi fl-ewwel lok Anthony Montebello fil-kwalita` tieghu proprja u personali, ma kellu ebda relazzjoni guridika ma' l-atturi, u ghalhekk kellu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra l-atturi;

2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici kienu intempestivi stante li lanqas biss kienu ghadhom lestew ix-xoghol kollu li huma kellhom jaghmlu,

tant li sallum l-istess xoghol lanqas huwa biss kompletat, u minhabba f'hekk l-istess konvenut *nomine* ghadu sallum ma jistax juza l-istess fond, dan nonostante il-fatt li l-atturi kellhom jlestu ix-xoghol f'terminu preciz;

3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li x-xoghol li lahaq kien sar lanqas sar skond l-arti u s-sengha u lanqas kien sar skond il-ftehim milhuq bejn il-partijiet;

4. Illi fir-raba' lok u bla pregudizzju ghall-premess, l-atturi kienu rrikonoxxew dan il-fatt, u kienu ser jippruvaw jirremedjaw ghax-xoghol hazin li sar u ghal dak li ma sarx skond il-ftehim;

5. Illi fil-hames lok u bla pregudizzju ghall-premess, l-ammont mitlub mill-atturi kien ghal kollox esegerat, u di piu jirrizulta li l-esponenti ghamel ukoll pagament akkont tal-valur finali tax-xoghol, u jidher car li dan lanqas inha in konsiderazzjoni;

6. Illi minhabba dak premess, l-esponenti *nomine* fil-fatt qed izomm responsabbli lill-istess atturi, minhabba d-danni li qed isofri minhabba l-istess xoghol hazin, mhux skond il-ftehim, u ghax-xoghol li ghadu mhux kompletat sallum;

7. Illi ghalhekk it-talbiet ta' l-atturi kellhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-istess atturi;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut *proprio et nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet ta’ l-1 ta’ Frar 1990 li permezz tieghu gie nominat bhala perit tekniku AIC Joseph Huntingford biex ifittex u jirrelata dwar it-talbiet ta’ l-attur wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta’ l-imsemmi perit tekniku li tinsab a fol. 22 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza ta’ l-10 ta’ Ottubru 1991;

Rat il-verbal tas-16 ta’ Jannar 1992 li permezz tieghu l-perit tekniku gie ordnat jerga’ jikkonsidra r-rapport tieghu u izomm zewg seduti ghall-provi kollha tal-konvenut, u dan wara rikors appozitu tal-konvenut *proprio et nomine* tas-17 ta’ Settembru 1991;

Rat id-digriet tat-3 ta’ Awissu 1994 li permezz tieghu, wara li l-imsemmi perit tekniku gie nieqes fil-mori ta’ din il-kawza, gie nominat l-AIC Renato La Ferla bl-istess inkarigu u fakoltajiet;

Rat ir-relazzjoni addizzjonali ta’ l-AIC Renato La Ferla li tinsab a fol. 112 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza tad-19 ta’ Gunju 2001;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

L-atturi qeghdin jitolbu l-kundanna tal-konvenut *proprio et nomine* biex dan ihallashom erbat elef lira Maltija, jew somma verjuri, ghal xoghol ta' tikhil u kisi minnhom esegwiti fuq inkarigu tal-konvenut;

Huma jghidu li l-ftehim sar mal-konvenut personalment pero` htigielhom iharrku wkoll lill-konvenut ghan-nom tas-socjeta` biex ikopru ruhhom (seduta 12 ta' April 1991, fol. 56);

Fuq dan il-punt il-Qorti tinklina lejn l-obbjezzjoni tal-konvenut proprju fl-ewwel eccezzjoni tieghu fejn isostni ili huwa personalment ma kkummissjonax lill-atturi. Effettivament l-iskrittura ta' ftehim datata 9 ta' Frar 1988 (fol. 5) tistabilixxi u turi li l-kontrattazzjoni saret mas-socjeta` tal-konvenut u mhux mal-konvenut in veste

proprja. Il-ftehim jinsab redatt fuq "*letterhead*" tal-kumpanija "A. Montebello Ltd" u in coda ghaliha l-konvenut jiffigura bhala d-direttur taghha;

Dan kellu jkun indizju qawwi ghall-atturi illi huma kienu qeghdin jikkontrattaw mal-konvenut in rapprezentanza tas-socjeta` u allura setghu ntebhu li l-appalt kien qed jigi kommissjonat lilhom minn din is-socjeta`. U allura ma setax ikun prezunt minnhom li l-konvenut kien qed jikkontratta f'ismu proprju;

Kif rilevat fis-sentenza "**Lawrence Formosa et *nomine* -vs- Silvio Felice**", Appell, 6 ta' Ottubru 1999 "Sewwa jinghad li l-prova mehtiega biex tigi newtralizzata din il-presunzjoni *iuris tantum* tvarja sew minn kaz ghall-iehor. Jispetta lill-gudikant jizen ic-cirkostanzi ta' kull kaz biex jasal ghall-konvinciment jekk kellux jew le jkun apparenti illi xi parti kienet qed tidher in rapprezentanza ta' haddiehor. Certi kazijiet huma ovvji, ohrajn mhux daqstant ovvji.";

Issa mill-provi prodotti u mill-konsiderazzjonijiet teknici tal-periti nominati, AIC Joe Huntingford (fol.22) u AIC Renato Laferla (fol. 112), il-Qorti taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:-

I. L-atturi gew inkarigati bl-iskrittura ta' ftehim fuq riferita illi jaghmlu xoghol ta' tikhil, kisi, b'zewg passati xahx, siment abjad u sealer, fi blokk ta' appartamenti fil-Mosta. Kellhom ukoll jixkatlaw u jadoperaw il-water paint. Huma jghidu li dawn ta' l-ahhar ma sarux bi ftehim mal-konvenut (Deposizzjoni ta' Anthony Sciberras, seduta tad-9 ta' April 1990);

II. L-atturi jsostnu wkoll illi nqalghu problemi mal-konvenut fil-kors ta' l-esekuzzjoni tax-xoghlijiet minhabba illi ghalkemm il-ftehim ma kien jippreciza xejn dwar hlasijiet, b'danakollu kien maghruf illi fin-natura tax-xoghol taghhom jithallsu percentaggi tal-valur tax-xoghol li jkun miexi. Jinsab mistqarr ukoll mill-atturi in kontro-ezami (seduti tat-12 ta' Mejju 1992 u 27 ta' Mejju 1992) illi x-xoghol ma tkompliex ghax il-konvenut ma tahomx flus;

III. Minn naha tieghu l-konvenut jirribatti billi javvanza diversi ilmenti fuq il-kwalita` tax-xoghol tal-kisi u l-inkompletar fl-ezekuzzjoni ta' l-appalt. (Seduta tad-19 ta' Frar 1992). Huwa jghid li minhabba f'dan kollu jinkariga lil terzi biex ikomplu x-xoghol u jirriparaw id-difetti. In sostenn ta' dan ipproduca bhala xhud lil Dominic Cauchi li ghamel ix-xoghol tal-waterpaint (seduta tas-27 ta' Mejju 1992) u esebixxa ricevuta a fol. 82 ghal xoghol ta' kisi u tikhil. Il-persuna li esegwiet dan l-ahhar xoghol ma gietx prodotta biex tixhed;

IV. L-ewwel perit tekniku irrelata illi kien hemm nuqqasijiet da parte ta' l-atturi billi dawn ezegwew xoghol mhux ghal kollox sodisfacenti. Fil-fatt huwa deherlu li kellu jkun hemm riduzzjoni fl-ammont pretiz mill-atturi biex din taghmel tajjeb ghax-xoghol li ma sarx skond is-sengha u l-arti ghal dak li hu rfinar;

Jigi notat illi l-konvenut *proprio et nomine* eccepixxa l-intempestivita` ta' l-azzjoni. Konsiderata izolatament minn provi ohra din l-eccezzjoni ghandha favur taghha l-awtorita` tal-gurisprudenza li fuq is-suggett *ex abundentia* irriteniet illi "hija ntempestiva l-azzjoni ghall-hlas ta' appalt meta x-xoghol fuq dak l-appalt ma jkunx gie ezegwit sewwa" (**Vol. XLVII P I p 650**) jew "ix-xoghol ma jkunx tlesta kollu" (**Vol. XLIV P II p 574; "Salvu Gullaimier et noe -vs- A. Borg Cardona",** Appell Kummercjali, 1 ta' Marzu 1988);

Fil-kaz *de quo* din l-eccezzjoni pero` ma tistax tigi sostenuta u l-konvenut ghalhekk ma jistax jircievi l-ebda beneficcju minnha. Dan ghaliex *sua sponte* elegga li jaghmel ix-xoghol rettifikatorju u ta' tkomplija permezz ta' terzi. Gjaladarba opta ghal din it-triq ma jistax imbghad jippretendi li jkompli jsostni l-eccezzjoni tieghu ta' l-intempestivita`. Dan in kwantu t-triq l-ohra maghzula minnu estingwiet l-istess eccezzjoni. Isib ghalhekk applikabilita` l-principju tad-dritt Ruman "*electa una via non datur recursus ad alteram*";

Irid jigi, imbaghad, sottolinejat illi l-konvenut ma talabx ir-rizoluzzjoni tal-ftehim. Lanqas addirittura ma ppromwova kontro-talba f'dan is-sens. Azzjoni din li kienet tintitolah jirreklama wkoll id-danni. Dan skond Artikolu 1069(2) tal-Kapitolu 16;

Jirrizulta li l-konvenut uzufruwixxa mix-xoghol ezegwit mill-atturi, anke jekk mhux ghal kollox. Fic-cirkostanzi u in vista ta' dak fuq dedott, il-konvenut seta' biss jezigi riduzzjoni fil-prezz tax-xoghol esegwit. Riduzzjoni din li sabet il-kunsens u l-adezjoni ta' l-ewwel perit relatur li fil-fatt naqqas ammont li jekwipara max-xoghol li hu rriskontra bhala li ma kienx irfinut;

Ilment iehor imressaq mill-konvenut kien jikkoncerna l-eccessivita` ta' l-ammont reklamat mill-atturi ghax-xoghol minnhom effettivament ezegwit. Fuq dan l-ilment huwa gie moghti wkoll aditu mill-perit tekniku u l-Qorti ma tarax li hemm raguni ghaliex ma ghandiex taccetta l-istima tax-xoghol li waslu ghaliha l-periti relaturi li kien il-valur tax-xoghol ta' l-ezekuzzjoni ta' l-appalt mill-atturi;

Fil-verita` jidher li z-zewg kontendenti ma kkontestawx din l-istima u la talbu verifika taghha permezz tan-nomina ta' periti addizzjonali u lanqas ma ressqu lill-periti in eskussjoni biex iwiegbu ghal xi kweziti li seta' kellhom;

L-ewwel perit tekniku decedut fil-kors tal-kawza kien illikwida l-ammont li ghadu dovut, wara li ha qies tat-tnaqqis ghal xoghol mhux irfenut (mitejn lira Maltija - Lm200) u hlasijiet akkont (sitt mitt lira Maltija - Lm600), fis-somma ta' elf mitejn u tmien liri Maltin u ghaxar centezmi (Lm1208.10). Rivedut mit-tieni perit dan l-ammont tela' bi ftit ghal elf mitejn u sitta u hamsin lira u erbgha u tletin centezmu (Lm1256.34);

L-atturi talbu s-somma ta' erbat elef lira Maltija (Lm4000) jew "somma ohra verjuri" kif tigi hekk likwidata. Ghal dak li hu kap ta' l-ispejjez, f'kaz bhal dan fejn jirrizulta somma anqas minn dak domandat "*le spese del giudizio non devono esser tassate in favore dell'attore sull'ottenuto; ma devono per intero essere decise contro il convenuto*

*debitore*" - "**Negte Amabile Mifsud -vs- Negte. William Jameson Smith & Co et**" a Vol. VI p 138;

Naturalment il-Qorti trid tikkonsidra l-fatt ukoll illi l-konvenut inghata ragun ukoll fuq il-kwistjonijiet eccepiti minnu illi x-xoghol ma sarx skond is-sengha u ta' l-eccessivita` tal-hlas pretiz mill-atturi.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talba attrici u tillikwida l-ammont bilancjali dovut mill-konvenut *nomine* fis-somma ta' elf mitejn sitta u hamsin lira Maltija, erbgha u tletin centezmu (Lm1256.34) ghal xoghol ta' tikhil u kisi mill-atturi ezegwit;

Tikkundanna lil-konvenut in raprezentanza tas-socjeta` A. Montebello Limited ihallas lill-atturi l-ammont hawn fuq likwidat, bl-interessi mid-data ta' din is-sentenza;

Tillibera lill-konvenut imharrek f'ismu proprju mill-osservanza tal-gudizzju;

L-ispejjez tal-kawza fic-cirkostanzi kollha tal-kaz u konsiderat ir-rebh u t-telf ghandhom jigu sopportati bin-nofs bejn il-kontendenti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------